Kunsill Lokali Fontana

Minuti laqgħa 16 tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta, 24 ta'Ġunju, 2014 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'4.00 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 15, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

   Dawn il-minuti ġew ippreparati mill-eks Ag. Seg Amanda Abela u ffirmati minn O. Camilleri [signature] S.Borg.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

- Is-Sindku flimkien mal-Perit Gordon Vella attenda l-bord tal-MEPA fejn ġie approvat it-tiġdid taċ-ċentru ċiviku.
- MEMO 16/2014 – konferenza rigward *perfromance management indicators* – ħadd mill-preżenti ma jista' jattendi.
- Korrispondenza mill-MEPA li tikkonferma l-applikazzjoni għall-permess ta' DNO biex isir il-pavimentar fl-isqaq Il-Qalb ta' Ġesu, magħruf aktar bħala l-Mitħna ta' Randu.
- Korrispondenza mill-Avukat Joe Mifsud fejn qed jitlob lill-Kunsilli Għawdxin biex jekk ikun hemm xi attività qrib il-Milied jinformaw lill-Ministeru għal-Għawdex biex isir programm ħolistiku f'Għawdex. Il-Kunsill jieħu ħsieb li jiddekora diversi toroq b'tiżjin tal-Milied.
- Laqgħa tal-kabinett nhar it-3 ta' Lulju f'Għawdex fejn ġew mistiedna li jattendu s-Sindki Għawdxin fejn intalbu jagħtu l-veduti u l-parteċipazzjoni tagħhom dwar il-lokalità.
- Ħarġa għal Sqallija nhar it-8 ta' Lulju. Waqt il-laqgħa sar kuntatt mas-Sur Mario Spiteri, *tour leader,* fejn ġie ffissat il-press ta' €145 għall-kbar u €60 għat-tfal taħt l-14-il sena. Il-Kunsill qabel ma dan il-prezz. L-Kunsill se jieħu ħsieb il-ħlas tat-transport mill-Fontana għat-*terminal* tal-Catamaran u lura. L-applikazzjonijiet għandhom jagħlqu fl-1 ta' Lulju 2014. Ser jattendu s-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



[signature] S.Borg

- Tkassir ta' bank quddiem il-Knisja Parrokkjali nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju. Is-Sidku informa lil preżenti li ġie avviċinat minn Fr Marcel Portelli MSSP fejn informah li b'aċċident il-van li kien qed isuq kisser dan il-bank. Hu talab sabiex iħallas għal ispejjes li għamel.
- Il-protest li ressaq is-Sur Anthony Cassar fil-qorti biex il-kawża dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn tmur *sine die* sakemm issir it-trattazzjoni. Il-qorti tat żmien sat-3 t'Ottubru 2014 sabiex issir din it-trattazzjoni. Is-Sindku u l-Av. John Paul Grech attendew għal din is-seduta.
- Restawr tan-niċċa fil-Pjazza Tomba – il-Kunsill iddeċieda li jitqabbad Raymond Bonello biex jagħmel ix-xogħol u joqgħod fuq il-parir tal-Perita Ivana Portelli.
- Saret laqgħa mal-ufffiċjali tal-MEPA fejn ġew ippreżentati il-proposti approvati mill-Kunsill għal pjan lokali dwar il-Fontana. Attendew għal din il-laqgħa is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.
- Is-Sindku talab biex issir talba għal-ħaddiem fuq l-iskema tal-ETC biex ikun jista jagħmel xogħol ta' qtugħ ta ħaxix u manutenzjoni ieħor fir-raħal. Is-Sindku informa lil preżenti li minkejja li ilu jitlob għal aktar minn sena lil Guido Zammit responsabbli mill-iskema, il-Kunsill għadu sal-lum ma ngħatax dan.
- Il-laqgħa mal-Onor. Buontempo ġie posposta għal-nhar it-18 ta' Lulju fl-9.45am.
- Korrispondenza mid-DLG fejn tgħid li l-Ministru aċċetta t-talba tal-Kunsill li l-post tal-Viċi Sindku ma jiġix iddikjarat vakanti.
- L-Aġent SE rresqet għal-approvazzjoni tal-Kunsill it-talba ta' Clarie Farrugia biex tipparteċipa fil-*Work Trial Scheme for youths* għal- 8 ġimgħat fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Carmel Farrugia ħareġ mill-laqgħa peress li ddikjara kunflitt t'interess. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex Ms. Farrugia tipparteċipa f'din l-iskema fl-uffiċċju tal-Kunsill tal-Fontana.

## 4. Għoti tal-offerti - Online streaming

Rapport t'evalwazzjoni tal-offerta rigward *online streeming* mill-enġinier Mario Galea fejn dan mhux jirrakkomanda li tingħata din l-offerta għar-raġuni li r-resoluzzjoni fl-offerta mhux skont dak mitlub. Il-Kunsill qabel li terġa' toħroġ is-sejħa tal-offerta mill-ġdid.

## 5. Ħatra tal-Ambaxxatur Lokali Ġdid

Wara korrispondenza li għamlet l-Aġent Segretarju Eżekuttiv mal-Vot 16, fejn informat illi ma hemm ħadd interessat mill-Fontana biex ikun Ambaxxatur Lokali, Il-Kumitat tal-Vot 16 talbet biex jekk jaċċetta l-Kunsill, toħroġ is-sejħa minn barra r-raħal. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

## 6. Approvazzjoni ta' pagamenti

Il-Kunsill approva l-pagamenti. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għal kont ta' Jason Debrincat rigward il-ġbir ta' skart domestiku peress li dan għandu jitnaqqas il-5%

*management fee* peress li beda kuntratt ġdid. Is-Segretarja infurmat lil preżenti li ħa tieħu passi biex jitnaqqsu mill-kont li jmiss.

## 7. **Materji oħra**

Mario Mercieca

- Ma rċiviex l-fuljett li qassam mil-Kunsill. Is-Sindku se jiċċekja mal-ħaddiem li ħa ħsieb iqassam dan il-fuljett.

Sindku

- Proposta biex issir ħarġa għal-Malta nhar il-5 ta' Lulju għal-festa ta' Sant. Indrija, Ħal-Luqa. Il-Kunsill qabel.
- Fil-31 ta' Mejju 2014 saret ħarġa soċjokulturali f'Malta fl-okkażżjoni tal-festa' ta' San Ġużepp f'Ħal Għaxaq fejn attendew 22 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.
- Saret il-manutenzjoni tal-*porfido* fi Trejqet ir-Razzett.
- Is-Sindku attenda għal laqgħa organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar l-implimentazzjoni tal-programm Valletta 2018.
- Saret Festa Tfal flimkien mal-paroċċa. Attendew is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca.
- Ġie miftuħa għal pubbliku l-parti tal-*playing field* fejn sar il-*gym equipment.*
- Inxtrat xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur.
- Saret il-manutenzjoni ta' niċċa tas-Salvatur u ta' fuq il-Għajn il-Kbira.
- Saret laqgħa għal ġenituri fis-sala tal-komunità dwar aktar sigurtà fuq l-*internet.*
- Ġiet installata pompa tal-ilma biex jintuża l-ilma tal-ġibja li hemm taħt il-binja tal-Kunsill. Saret ukoll sistema permanenti għad-dawl tax-xelter.
- Is-Sindku ngħata rikonoxxenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fl-okkażżjoni tal-għoxrin sena membru tal-Kunsill.
- Ġiet ippubblikata t-tmintax-il ħarġa tal-fuljett 'Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek' fl-okkażżjoni tal-Festa Titulari. Dan ġie ipreparata mis-Sindku u l-iskrivana tal-Kunsill. Il-fuljett ġie mqassam f'kull residenza tal-Fontana.
- Fl-okkażżjoni tal-Festa Titulari sar bukkett fjuri għal quddiem l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu'. tà l-art ta' lejliet il-festa. S.B.
- Sar b'suċċess l-ispettaklu tal-logħob tan-nar li ġie mtellgħa mill-Għaqda Dilettanti tan-nar tal-Fontana bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana.
- Is-Sindku u l-Kunsilliera Carmel Farrugia u Horace Micallef attendew għal Pontifikal fl-okkażżjoni tal-Festa Titulari tal-Qalb ta' Ġesu'. Wara qassmu l-ikla tal-festa lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom. Sar tqassim ta' 30 ikla.
- Is-Sindku attenda għal laqgħa tal-Kumitat Reġjonali li saret fil-Banca Giuratale.

Horace Micallef

- Staqsa rigward il-belvedere fit-Triq John Gaspard Le Marchart – is-Sindku qal li l-perit se jipprepara d-dokumenti tat-*tender* biex meta jibda s-SE il-ġdid toħroġ din is-sejħa għall-offerta.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S.Boy

- Staqsa fuq l-iżviluppi taz-*zebra crossing* ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill il-qadim – is-Sindku qal li l-perit għadu jrid jagħmel pjanta biex issir l-applikazzjoni.

## 8. Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fl-5pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Lulju, 2014 fit-3.00pm.

~~Amanda Abela~~ O. Camilleri
~~Aġent~~ Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555